**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 19 t'Ottubru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Stephen Zammit**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Stephen Zammit** detentur tal-karta tal-identita nurmu 211266M gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minn Stephen Zammit, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar it-28 ta' Settembru 2018 f'xi hin wara nofsinhar ikkometta serq ta' curkett u/jew affarijiet ohra ghad-detriment ta' ommu Doris Zammit u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u l-valur, liema ammont jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. Nhar is-6 t'Ottubru 2018 ikkometta serq ta' television u/jew affarijiet ohra ghad-detriment ta' ommu Doris Zammit u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravate bil-lok, bil-persuna u l-valur, liema ammont jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) iza ma jeccedix is-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset li l-imputat, fis-seduta ta` llum stess, ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u huwa baqa jinsisti dwar din l-ammissjoni anke wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra;

Semghet trattazzjoni;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset l-atti ta' din il-kawza partikolarment l-isqarrija tieghu, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra:

1. l-fattur tal-ammissjoni bikrija tal-imputat;
2. il-fatt li l-fedina penali tal-imputat mhux xi wahda sabiha;
3. il-fatt li omm l-imputat infurmat lill-prosekuzzjoni li hi ma trid xejn minn binha u lanqas kien fi hsiebha li titla tixhed;

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti sejra tinfliggi.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-

kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**Decide**.

**Ghall-dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(c),(d),(e), 267,268,269,279(b), 280 u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib u tiddikjara lil **Stephen Zammit**, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta` prigunerija ta` 18-xahar, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' tliet snin millum,

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur